MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1453/2000/1

**Daniel Muscat.**

**vs.**

**Lloyd's (Malta) Limited bhala rapprezentanti 'ex lege' u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloyd's migbura fis-sindikat numru 2027 li joperaw taht l-isem ta' R. J. English at Lloyd's jew isem verjuri u Laferla Insurance Agency Limited bhala agenti u mandatarji ta' l-istess membri ta' Lloyd's kif ukoll Adrian Pace ghal kull interess illi jista' jkolli.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' Lulju 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur kellu negozju li permezz tieghu kien jimporta vetturi, ingenji u varji accessorji ohra konnessi liema negozju huwa kien jiggestih mill-*garage* maghruf bhala “Muscat *Garage*”, gewwa Triq San Pawl tal-Qlajja, fil-Mosta.

Illi b’effett mill-25 ta’ Settembru 1996 in forza ta’ polza assikurazzjoni numru FSP006497 il-membri ta’ Lloyd’s migbura fis-sindakat numru 2027 li jopera taht l-isem ta’ R. J. English at Lloyd’s jew isem verjuri mahruga mis-socjeta’ konvenuta tramite l-agent u/jew *‘salesman’* taghha Adrian Pace l-konvenut l-iehor, il-fond fuq imsemmi flimkien mal-ingenji, vetturi u *stock* gew assikurati ghall-valur ta’ Lm55,000 kontra spluzzjoni u perikli ohra kif indikat fl-istess polza (hawn annessa Dok. “A”).

Illi in segwitu ghall-tali hrug tal-polza l-konvenut Pace kien jiehu hsieb jigbor minghand l-attur il-flus sabiex l-istess polza tinzamm *in vigore* u tiggedded, liema flus Pace kien jghaddi lis-socjeta’ konvenuta;

Illi din kienet saret il-prattika kostanti tant illi Pace kien jinforma lill-attur meta kienet ser tkun tiskadi l-assikurazzjoni billi jmur ghandu u jigbor il-flus.

Illi fis-7 ta’ Ottubru 1998 l-attur ircieva ittra minghand is-socjeta’ konvenuta fejn din infurmatu li huwa ma kienx ghadu hallas ghat-tigdid tal-polza li kienet ghalqet fil-25 ta’ Settembru 1998 (kopja ta’ l-ittra Dok “B”) u li fin-nuqqas ta’ hlas il-polza kienet ser tigi mitmuma u kopja ta’ liema ittra giet ukoll spedita lill-konvenut Pace li in effetti mar ghand l-attur gabar il-flus u effettwa l-pagament relattiv kif jidher mill-kopja tac-*cheque* Dok. “C’” anness u nharget id-debita ricevuta kif jidher mill-kopja tal-ircevuti mahruga mis-socjeta’ attrici.;

Illi in segwitu l-attur, diversi drabi, staqsa lill-konvenut Adrian Pace meta kellu jhallas il-flus ghat-tigdid ghall-liema huwa kien jinghata risposta illi meta jsir dovut il-hlas huwa kien jircievi avviz biex ihallas;

Illi f'Jannar li ghadda qabad nar kbir fil-propjeta' ta' l-attur f'liema nirien il-*garage* flimkien ma' l-ingenji, vetturi u attrezzi ohra gew totalment distrutti;

Illi meta l-attur mar ghand il-kumpanija ta' l-assikurazzjoni konvenut sabiex jaghmel il-*'claim'* formali tieghu sabiex jirrealizza r-risarciment a tenur tal-polza ta' l-assikurazzjoni huwa gie infurmat illi ma kien hemm ebda polza ta' assikurazzjoni *stante* illi din ma giex imhalsa sa mill-25 ta' Settembru 1998;

Illi rrizulta illi *nonostante* l-ittra tas-socjeta' konvenuta tas-7 ta' Ottubru 1998 u s-sussegwenti hlas da parti ta' l-attur il-polza kienet giet terminata mis-socjeta' konvenuta minghajr ma din infurmat lill-attur u dan sa minn Settembru tal-1998;

Illi dan in-nuqqas ta' tigdid l-istess konvenuta attribwitu ghal xi problemi amministrattivi interni da parti tas-socjeta' konvenuta kif ukoll ta' l-istess konvenut l-iehor Adrian Pace li naqas illi jiehu kura tal-klijient tieghu u kawza ta' liema nuqqas l-attur sab ruhu, meta nqala' s-sinistru, skopert minn kull forma ta' assikurazzjoni b'mod tali illi gie li sofri danni gravi konsistenti fit-telf tal-*garage*, l-ingenji, vetturi u attrezzi ohra.

Illi l-attur talab lill-konvenuti jew min minnhom sabiex huwa jirrealizza r-risarciment a tenur tal-polza fuq imsemmija izda l-istess qieghdin jirrifjutaw illi jirrisacuh kif qed jitlob;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-polza imsemmija ghadha in effett u allura realizzabbli senjatament ghar-riskji assikurati fl-istess;

2. Tiddikjara illi l-attur huwa ntitolat jirrealizza u jinkassa kull flejjes dovuti taht l-istess polza *in vista* tas-sinistru minnu soffert;

3. Tikkundannahom jew min minnhom ihallsu lill-attur dawk il-flejjes li jirrizultaw dovuti abbazi tat-talba precedenti;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u bl-imghax legali mid-data tal-prezenti kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi bil-lista tax-xhieda u d-dokumenti mehmuza a fol. 3 sa 7 tal-process;

Rat id-Dokument "A' – konsistenti fil-polza ta' assigurazzjoni numru FSP006497 relattiva ghall-perjodu bejn il-25 ta' Settembru 1996 sal-24 ta' Settembru 1997 – fol.5; Dokument "B" – kopja ta' ittra datata 7 ta' Ottubru 1998 mis-socjeta' Laferla Insurance Agency Limited lill-attur u kopja lill-konvenut Adrian Pace – Dok. "C" – kopja ta' cekkijiet mahruga mill-attur mill-kont tieghu mal-Mid Med Bank numri 206 sa 209 u l-ewwel wiehed minnhom fl-ammont ta' Lm340 datat l-1 ta' Dicembru 1998 mahrug favur Laferla Insurance Agency Limited.

Rat id-digriet tat-9 ta' Settembru 2000 tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn appunta l-kawza ghas-smiegh ghall-24 ta' Ottubru 2000.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta Lloyd's (Malta) fil-kwalita' taghha hemm premessa, tali nota datata 29 ta' Settembru 2000 (fol. 11) li biha ghall-fini ta' l-ittra gudizzjarja fl-ismijiet premessi prezentata kontestwalment u *a tenur* tad-dispozizzjonijiet ta' l-Att tal-1998 dwar il-Kummerc ta' l-Assikurazzjoni ipprezentat lista ta' l-ismijiet tal-persuni illi huma membri fl-imsemmija sindikati u dan minn fol 12 sa fol 20.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Lloyd's (Malta) Limited u Laferla Insurance Agency Limited datata 29 ta' Settembru 2000 a fol 21 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi dwar l-ewwel talba kif imposta fl-azzjoni odjerna, din ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur, *stante* illi

huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt peress illi qatt ma tista' tintalab illi jergghu jigu rxoxtati l-effetti ta' polza ta' assikurazzjoni li kienet gia' skadiet meta sehh is-sinistru, ossija fil-15 ta' Jannar 2000;

(2) Illi kif inhuwa ben risaput, polza ta' l-assikurazzjoni, li dejjem ghandha perijodu ta' hajja restrittiva, ma tibqax *in vigore* u jitterminaw l-obbligi ta' l-Assikuratur lejn l-Assikurat, attur f'din l-kawza, kemm-il darba ma tiggedditx tali polza ta' l-assikurazzjoni permezz tad-debita hlas tal-korrispettiv ossia *premium* tal-polza;

(3) Illi ghall-istess raguni, t-tieni u tielet talba ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, peress illi l-polza li fuqha l-attur qieghed jintavola tali talbiet u li qieghed jippretendi li taghtih il-jedd li jircievi risarciment, ma kienetx fis-sehh fil-mument meta sehh is-sinistru gewwa il-fond ta' l-attur "Muscat *Garage*", Triq San Pawl tal-Qlajja, Mosta, ossia fil-15 ta' Jannar 2000;

(4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal fatt li l-bazi ta' l-azzjoni kif imposta mill-attur hija bbazata unikament fuq l-ezistenza ta' polza ta' assikurazzjoni fil-mument tas-sinistru, qieghed jigi eccepit u nnotat li l-obbligi tal-hlas tal-*premium* tal-polza jaggrava unikament lill-assikurat, attur f'din l-azzjoni u ghalhekk ghandu jizgura illi l-pagamenti tal-*'premium'* relattiv isir u jsir tempestivament. Huwa ghalhekk inutili ghall-attur illi jittenta jinvoka drittijiet illi huwa kellu taht polza ta' l-assikurazzjoni illi ma gietx imgedda minhabba f'inadempjenza tieghu.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' Lloyd's (Malta) Limited u Laferla Insurance Agency Limited u l-lista tax-xhieda a fol. 22 sa 24 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef tal-24 ta' Ottubru 2000 a fol 26 tal-process fejn

deher l-attur assistit minn Dr George Cutajar u billi kien jonqos in-notifika tal-konvenut Adrian Pace l-kawza giet differita ghal dan il-ghan ghall-14 ta’ Dicembru 2000; tal-14 ta’ Dicembru 2000 fejn giet differita ghall-istess skop; tal-15 ta’ Dicembru 2000 fejn minhabba ndisposizzjoni ta’ l-Imhallef dak in-nhar sedenti l-kawza giet differita ghat-12 ta’ Jannar 2001; tat-12 ta’ Jannar 2001 fejn deher biss Dr. Francesco Depasqaule ghas-socjeta’ konvenuta u l-kawza regghet thalliet ghan-notifika tal-konvenut Pace ghat-22 ta’ Frar 2001; tat-22 ta’ Frar 2001 fejn il-kawza thalliet ghan-notifika tal-konvenut Pace; tal-5 ta’ April 2001 fejn il-kawza thalliet ghan-notifika tal-konvenut Pace; tal-24 ta’ Mejju 2001 fejn deher Dr George Cutajar ghall-attur u Dr. I. Agius ghas-socjeta’ konvenuta. Dr. George Cutajar talab li n-notifika tal-konvenut Adrian Pace ssir wara l-hinijiet legali. Il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghan-notifika ta’ l-imsemmi konvenut Pace ghat-2 ta’ Ottubru 2001.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Adrian Pace tal-20 ta’ Settembru 2001 (fol 35) fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront ta’ l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, *stante* illi c-cirkostanzi lamentati mill-attur fic-citazzjoni odjerna, b’ebda mod ma jistghu jigu attribwiti ghal xi nuqqas da parti ta’ l-eccipjenti, illi dejjem agixxa bl-akbar mod diligenti u skrupuluz fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu ta’ *insurance sub-agent* tas-socjeta’ konvenuta Laferla Insurance Agency Limited, u dan skond il-Ligi;

2. Illi *inoltre,* u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti qatt ma naqas b’ebda mod mid-dmirijiet u responsabbiltajiet tieghu skond il-prassi fil-kamp ta’ assigurazzjoni, skond il-Ligi, relattivament ghall-polza ta’ assigurazzjoni *de quo*, kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi ghalhekk, l-eccipjenti certament illi ma kellu l-ebda htija jew responsabbilta’ ghac-cirkostanzi illi

allegatament wasslu ghat-thassir tal-polza ta' assigurazzjoni *de quo;*

4. Illi l-istess cirkostanzi lanqas ma jistghu jigu attribwiti ghal ebda azzjoni jew ommissjoni, da parti ta' l-eccipjenti;

5. Illi ghalhekk isegwi illi l-eccipjenti ma ghandux jigi kkundannat illi jhallas l-ebda flejjes li jistghu talvolta jirrizultaw bhala dovuti taht il-polza ta' assigurazzjoni *de quo.*

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Adrian Pace bil-lista tax-xhieda u dokument mehmuz a fol 39 tal-process datat 14 ta' Ottubru 1998 fejn jirrizulta li din tikkonsisti f'ricevuta mahruga mis-socjeta' Laferla Insurance Agency Limited ghall-ammont ta' Lm480.70 ghal *cheque*s numri 32, 1196, 30053, 1327 ghall-polzi numru FSPOO9766, SHOP009949, SIOPIL009804, FSP006497, u T006498 u din ir-ricevuta ghandha n-numru 03092.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef tat-2 ta' Ottubru 2001 fejn deher l-attur assistit minn Dr. George Cutajar u Dr. Rachael Montebello ghal konvenut Adrian Pace u billi din il-kawza setghet tithalla ghas-smiegh tal-provi l-kawza giet differita ghal dan il-ghan ghall-provi atturi quddiem din il-Qorti hekk attwalment presjeduta ghall-15 ta' Jannar 2002. Inghata digriet tal-affidavit fejn il-Qorti ordnat lill-attur sabiex sa zmien erbghin (40) jum tax-xoghol minn dak in-nhar jipprezenta l-affidavits tieghu bid-dokumenti relattivi, liema affidavits u dokumenti ghandhom jigu notifikati lill-parti l-ohra jew lid-difensuri taghha u dan b'riserva tal-jedd ghall-kontro-ezami u bil-kondizzjonijiet l-ohra ndikati fl-anness digriet datat 2 ta' Ottubru 2001 a fol. 41 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta tal-15 ta' Jannar 2002 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u l-attur. Dr. Cutajar pprezenta nota bl-affidavit ta' l-attur b'kopja lid-difensuri tal-kontro-parti. Il-

kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha ta' l-attur ghat-13 ta' Marzu 2002 wara l-10.00.a.m.

Rat in-nota ta' l-attur **Daniel Muscat**ipprezentata fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2002 li permezz taghha ipprezenta l-affidavit tieghu stess immarkat bhala Dok. "DM 1" (fol 43 u 44).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-13 ta' Marzu 2002 (fol 45) fejn deher Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta` Lloyd's, Dr. Rachael Montebello ghall-konvenut Pace u Dr. George Cutajar ghall-attur prezenti. Il-kawza giet differita minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna ghat-28 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tat-28 ta' Gunju 2002 fejn deher Dr George Cutajar ghall-attur u l-kawza giet differita gha-7 ta' Frar 2003 ghall-finalizzazjoni tal-provi attrici.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-7 ta' Frar 2003 fejn dehret Dr. R. Loporto Montebello ghall-konvenut u Dr George Cutajar ghall-attur prezenti. Xehdu **David Bonavia** prodott mill-attur (fol 48 sa 50) u **Joseph Galea** prodott mill-attur ukoll (fol 51 sa 53). Il-kawza giet differita ghal-kontinwazzjoni provi attrici ghall-14 ta' Marzu 2003.

Rat ix-xhieda ta' l-istess David Bonavia u Joseph Galea datati 7 ta' Frar 2003.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-20 ta' Frar 2003 fejn minhabba mpediment legittimu il-kawza giet differita ghad-9 ta' April 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-9 ta' April 2003 fejn il-kawza giet differita

ghall-konkluzjoni tal-provi ta' l-attur ghall-20 ta' Mejju 2003; tal-20 ta' Mejju 2003 fejn deher l-attur assitit minn Dr. George Cutajar, Dr. Rachael Montebello ghall-konvenut Pace u Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta' konvenuta. Xehed **P.S. 667 Edgar Borg** prodott mill-attur (59 sa 63) u l-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attur ghat-2 ta' Lulju 2003. L-istess xhud esebixxa dokument b'zewg faccati a fol. 59 u 60 tal-process li jikkonsisti f'rapport li sar lill-pulizija mill-attur datat 15 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-2 ta' Lulju 2003 fejn dehru id-difensuri tal-partijiet. Dr George Cutajar ghall-attur informa lill-Qorti li wara verifiki maghmula minnu l-uniku xhud li fadallu kien il-Perit Richard Aquilina. Il-kawza giet differita ghall-21 ta' Novembru 2003 ghal dan l-iskop; tal-21 ta' Novembru 2003 fejn il-Qorti hekk diversament presjeduta awtorizzat lil Dr. George Cutajar jipprezenta fi zmien erbghin (40) gurnata mid-data tas-seduta prospett fir-registru bil-visto tal-kontro-parti. Il-kawza regghet giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi ta' l-attur ghat-3 ta' Frar 2004.

Rat in-nota ta' l-attur datata 21 ta' Jannar 2004 (fol 66) li permezz taghha esebixxa zewg dokumenti. Dok. "A" – li tikkonsisti f'kopja ta' dikjarazzjoni mahruga minn Joseph Sammut kontenenti lista u stima tal-valur ta' l-oggetti li gew distrutti fis-sinistru, ammontanti ghall-Lm62,700 (a fol. 67); u Dok. "B" – Kopja ta' certifikat peritali mahrug mill-Perit Ludovico Micallef datat 7 ta' Marzu 2000 konsistenti fi stima tal-hsara li saret fil-bini li kienet tammonta ghall-Lm15,100 (a fol 68).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-3 ta' Frar 2004; tat-2 ta' April 2004; tat-30 ta' April; u tat-8 ta' Gunju 2004 fejn il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti;

Rat in-nota ta' l-avukati Dr. Ramona Frendo u Dr. Rachael Loporto Montebello datata 28 ta' Settembru 2004 a fol 73,

li permezz taghha rrinunzjaw ghall-patrocinju tal-konvenut Adrian Pace b'kull rizerva ghall-hlas tad-drittijiet professjonali dovuti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-19 ta' Ottubru 2004 fejn deher Dr. George Cutajar ghall-attur u talab aktar zmien biex iressaq il-provi. Deher Dr.Andrea Micallef li assuma l-patroncinju tal-konvenut Adrian Pace u l-kawza giet differita ghat-23 ta' Novembru 2004 ghas-smiegh tax-xhieda tal-Perit Aquilina;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-23 ta' Novembru 2004 fejn deher Dr. George Cutajar ghall-attur prezenti u Dr Stephen Thake ghas-socjeta' konvenuta. Dr Cutajar informa lill-Qorti li l-ingunzjoni giet prezentata minnu gimgha u nofs ilu izda kienet ghadha mhux inserita fil-process. Il-Qorti innominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi biex tiffissa seduta wahda u tisma' x-xhieda tal-Perit Richard Aquilina. Il-kawza giet differita ghall-1 ta' Frar 2005 ghall-konkluzjoni tal-provi ta' l-attur; tal-1 ta' Frar 2005 fejn ma deher hadd izda il-Qorti kienet infurmata li kien hemm seduta ffissata quddiem l-Assistenta Gudizzjarja ghas-7 ta' Frar 2005 ; tal-15 ta' Frar 2005 fejn deher Dr Stephen Thake ghas-socjeta' konvenuta Lloyd's u Dr James D'Agostino ghall-konvenut Pace li assocja ruhu fil-patrocinju ta' l-istess. Il-Qorti irrevokat l-inkarigu ta' l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi u l-kawza giet differita ghall-5 ta' April 2005 ghall-kontro-ezami *da parte* tal-konvenut.

Rat n-notament ta' l-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Gonzi a fol. 81 tal-process fejn indikat li *"fit-23 ta' Novembru 2004 jiena gejt nominata sabiex niffissa sedutawahda ghax-xhieda tal-Perit Richard Aquilina. Fit-2 ta' Dicembru 2004, jiena ghamilt kuntatt ma' Dr. George Cutajar u nfurmani illi kien mhabbat wisq u ma setax jiffissa seduta. Qalli ukoll biex nerga' naghmel kuntatt mieghu f'Jannar, meta kien ikun f'posizzjoni ahjar biex*

*jiffissa seduta. F'Jannar ergajt ghamilt kuntatt ma' Dr. G. Cutajar u giet iffissata seduta ghas-7 ta' Frar 2005 f'nofsinhar. Fit-18 ta' Jannar 2005 kulhadd gie notifikat bid-data ta' din is-seduta"*

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi datata 7 ta' Frar 2005 a fol. 85 tal-process fejn il-Perit Richard Aquilina pprezenta kopja tar-relazzjoni tal-Inkjesta Magisterjali ta' dak li gara dakinhar in kwistjoni u dan bhala Dok. "RA 1" minn fol. 86 sa fol. 92 tal-process li stima li saret fil-bini fl-ammont ta' cirka Lm15,913 kollox kif jidher kif inghad a fol. 92 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-5 ta' April 2005 fejn deher Dr. George Cutajar ghall-attur, Dr. Stephen Thake ghas-socjeta' konvenuta u Dr. D'Agostino ghall-konvenut Adrian Pace. Xehed **Daniel Muscat** prodott mis-socjeta' konvenuta (fol 98 sa 107) u l-kawza giet differita ghall-prezentata ta' l-affidavits tal-konvenuti ghas-6 ta' Gunju 2005 ghal dan l-iskop.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-6 ta' Gunju 2005 fejn deher Dr Stephen Thake ghas-socjeta` konvenuta u Dr. Andrea Micallef ghall-konvenut Adrian Pace. Dr. Micallef prezenta b'nota l-affidavit tal-konvenut **Adrian Pace** (fol 109 sa 111). Dr. Thake ta ruhu notifikat bl-affidavits prezentati. Il-kawza giet differita ghad-19 ta' Ottubru 2005 ghan-notifika ta' l-attur bl-affidavit ta' Adrian Pace u ghall-prezentata ta' l-affidavit ta' Robert Baldacchino mis-socjeta' Lloyd's; u tad-19 ta' Ottubru 2005 fejn deher l-attur assistit minn Dr. George Cutajar u Dr James D'Agostino ghall-konvenut Pace. Il-kawza giet differita ghas-16 ta' Novembru 2005 ghan-notifika ta' l-affidavits.

Rat in-nota tas-socjeta` Lloyd's Malta Limited datata 13 ta' Gunju 2005 li biha pprezentat l-affidavit ta' **Robert Baldacchino.**

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-16 ta’ Novembru 2005 fejn deher Dr. George Cutajar ghall-attur u l-kawza giet differita ghas-17 ta’ Jannar 2006 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta tas-17 ta’ Jannar 2006 fejn deher Dr Stephen Thake ghas-socjeta’ konvenuta Lloyd’s (Malta) Ltd. Il-konvenut Adrian Pace u d-difensur tieghu ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr Stephen Thake nforma lill-Qorti li n-notifika ta’ l-affidavit saret u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-22 ta’ Marzu 2006.

Rat ir-rikors tal-konvenut Adrian Pace datat 20 ta’ Marzu 2006 (fol 121).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tat-22 ta’ Marzu 2006 fejn dehru Dr. George Cutajar ghall-attur u Dr. Stephen Thake ghas-socjeta’ konvenuta u Dr. Adrian Micallef ghall-konvenut Adrian Pace. Il-Qorti rat ir-rikors tal-konvenut Adrian Pace tal-20 ta’ Marzu 2006 u rat id-digriet taghha fis-seduta stess u irrevokat *contrario imperio* l-istess digriet peress li kien ser issir kontro-ezami ta’ l-imsemmi xhud quddiem il-Qorti dak inhar stess. Fil-fatt xehed **Robert Baldacchino** (fol 124 sa 135). Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m‘ghandhomx aktar provi u Dr George Cutajar ghall-attur talab li jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ipprefiggiet terminu sa l-ahhar ta’ April 2006 lill-attur biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom sa l-ahhar ta’ Mejju 2006 biex jirrispondu, b’dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-28 ta’ Gunju 2006.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Lloyds Malta Limited datata 10 ta' Mejju 2006.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur Daniel Muscat tat-23 ta' Mejju 2006.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Adrian Pace tal-31 ta' Mejju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) L-AZZJONI ATTRICI.

Illi f'din il-kawza inharget polza ta' assikurazzjoni minn Lloyd's kif indikat f'din il-kawza *tramite* s-socjeta' konvenuta Laferla Insurance Agency Limited u dan bl-intervent ta' l-agent ta' l-istess Laferla Insurance Agency Limited il-konvenut Adrian Pace. Din il-polza inharget fil-25 ta' Settembru 1996 favur l-attur u kienet tkopri fond flimkien ma' ingenji, vetturi u *stock* li taghhom kellu negozju u dan sal-perjodu ta' l-24 ta' Settembru 1997 kollox kif jidher mill-istess polza esebita bhala Dok. "A' mac-citazzjoni attrici. Dawn l-oggetti kollha u l-bini gew assikurati ghall-valur ta' hamsa u hamsin elf lira Maltija (Lm55,000) kontra r-riskji hemm indikati spluzjoni u perikli ohra.

Illi l-attur ippremetta li wara l-hrug ta' tali polza kien Adrian Pace li jiehu hsieb jigbor il-flus ghat-tigdid taghha. Fis-7 ta' Ottubru 1998 l-attur ircieva ittra minghand is-socjeta' attrici fejn gie infurmat li huwa ma kienx ghadu hallas ghat-tigdid tal-polza li kienet ghalqet fil-25 ta' Settembru 1998 u li jekk il-hlas ma kienx se jsir din kienet se tigi mitmuma jew imhassra u allura ma tigix imgedda. Il-konvenut Adrian Pace jallega li mar ghand l-attur biex jigbor il-flus u effettwa l-pagament u inharget ricevuta u din prezumibilment hija dik datata 14 ta' Ottubru 1998 a

fol. 39 tal-process li tirreferi *se mai* ghall-perjodu bejn il-25 ta' Settembru 1998 u 24 ta' Settembru 1999 – jekk wiehed ihares ukoll lejn l-ittra datata 7 ta' Ottubru 1998 – Dok. "B" – fol. 6.

Illi ma hemm ebda kontestazzjoni li fil-15 ta' Jannar 2000 il-proprjeta' tal-attur konsistenti f'"Muscat *Garage*", Triq San Pawl tal-Qlajja, Mosta inhakem minn nirien kbar u l-istess garaxx flimkien mal-ingenji, vetturi u attrezzi ohra li kien hemm fih gew totalment distrutti u dan kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-attur, ta' P.S. 667 Edgar Borg u l-kopja tar-rapport tal-pulizija datat 15 ta' Jannar a fol. 59 *et sequitur* tal-process, u wkoll mir-relazzjoni peritali tal-Perit A.I.C. Richard Aquilina fl-atti ta' l-Inkjesta Magisterjali li kienet saret dwar il-kaz, u liema rapport jinsab esebit bhala Dok. "RA 1" a fl. 86 *et sequitur* tal-process. Dwar dan jidher li dawn kienu sostanzjali kemm fil-bini u kif ukoll f'dak kollu li kien hemm fil-*garage* kif jidher kemm mir-relazzjoni msemmija u kif ukoll mill-istima tal-mobbli ta' Joe Sammut datata 13 ta' April 2000 – Dok. "A" – fol. 67 u mill-istima *ex parte* ta' l-immobbli maghmula mill-Perit Ludovico Micallef datata 27 ta' Marzu 2000 – Dok. "B" – fol.68 tal-process.

Illi l-attur jallega li meta mar ghand il-kumpanija Laferla Insurance Agency Limited sabiex jaghmel il-*claim* tieghu ghar-risarciment tad-danni hekk lilu ikkawzati gie nfurmat li ma kien hemm ebda polza ta' assikurazzjoni peress li din kienet imhassra sa mill-25 ta' Settembru 1998. L-attur jallega u jattribwixxi din il-posizzjoni ta' nuqqas ta' tigdid ta' l-imsemija polza li kienet harget ghall-perjodu bejn il-25 ta' Settembru 1996 sa' l-24 ta' Settembru 1997 ghal dak li huwa sejjah bhala problemi amministrattivi interni kif ukoll minhabba dak li jallega li kien nuqqas min-naha tal-konvenut Adrian Pace li jiehu kura tieghu u dan bhala l-klijent tieghu.

Illi konsegwentement ghal din l-allegazzjoni l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-polza ghadha jew ahjar kienet fil-mument ta' l-incident tal-15 ta' Jannar 2000 *in vigore* b'dan allura li huwa kien assugurat kontra r-riskju indikat u assigurat u ghalhekk huwa intitolat li jirrealizza u jinkassa

l-flejjes dovuti taht l-istess polza bhala danni li huwa soffra.

Illi s-socjetajiet Lloyds (Malta) Limited u Laferla Insurance Agency Limited eccepew dwar l-ewwel talba li qatt ma tista’ tintalab li jergghu jigu rxuxtati l-effetti ta’ polza ta’ assikurazzjoni li kienet gia skadiet meta sehh s-sinistru *de quo*. Jghidu li polza ta’ assikurazzjoni ghandha perjodu ta’ hajja restrittiva u meta din ma tigix imgedda permezz tal-hlas tal-*premium* tal-polza fil-mument opportun u tempestivament din ma tibqax *in vigore* u b’hekk ma jibqa’ l-ebda kuntratt ta’ assigurazzjoni u allura ma jkun hemm ebda obbligu ta’ assikuratur lejn l-assikurat ghaliex il-polza u l-ftehim huma inezistenti.

Illi l-istess socjetajiet jecceppixxu wkoll li konsegwentement it-tieni u t-tielet talbiet attrici ukoll ghandhom jigu michuda minhabba li l-polza li hija mertu tal-kawza odjerna ma kenitx fis-sehh meta gara s-sinistru. Fl-ahharnett l-obbligu tal-hlas tal-*premium* tal-polza jaggrava unikament lill-assikurat.

Illi ghal fatt li l-bazi tal-azzjoni kif imposta mill-attur hija bbazata unikament fuq l-ezistenza ta’ polza ta’ assikurazzjoni gie eccepit li l-obbligu tal-hlas tal-*premium* tal-polza jaggrava unikament lill-assikurat li kellu jizgura li l-pagamenti tal-*premium* jsir u jsir tempestivament.

Illi min-naha tieghu l-konvenut l-iehor Adrian Pace jichad li huwa ghandu xi tort ghaliex huwa jghid li dejjem agixxa bl-aktar mod diligenti u skrupluz fil-qadi ta’ dmirijietu.

**(B) PROVI PRODOTTI.**

Illi fl-affidavit tieghu **l-attur** spjega li wara li nharget il-polza fil-25 ta’ Settembru 1996 kienet saret skond huwa il-prattika kostanti li l-konvenut Adrian Pace kien imur ghandu, jaghtih il-flus u jhallas huwa lis-socjeta’ konvenuta Maltija. Fis-7 ta’ Ottubru 1998 l-attur ircieva ittra minghand is-socjeta’ konvenuta Laferla Insurance Agency Limited fejn gie infurmat li ma kienx sar il-hlas tat-tigdid tal-polza li kienet skadiet fil-25 ta’ Settembru 1998.

Pace imbaghad kien mar ghand l-attur, gabar il-flus u effettwa l-hlas. Huwa sostna li kien isaqsi lil Pace meta kienet se taghlaq il-polza ovvjament ghas-snin ta' wara u dan kien ighidlu li huwa kellu jigi infurmat b'dan mis-socjeta' konvenuta stess u malli jircievi dan l-avviz huwa kien imur ghand l-attur biex jigbor il-flus u jhallas.

Illi l-attur kompla jghid li meta imbaghad gara l-incident fil-15 ta' Jannar 2000 huwa mar biex jaghmel il-*claim* u gie infurmat li ma kienx kopert peress li ma thallsitx il-polza li fatt din kienet ghalqet fil-25 ta' Settembru 1999.

Illi wara diversi laqghat mal-kumpanija lokali konvenuta Laferla Insurance Agency Limited u kif ukoll mal-konvenut Adrian Pace irrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet temmet il-polza sa mill-iskadenza tal-25 ta' Settembru 1998. Dan jghid l-attur gara minhabba zball amministrattiv da parti tas-socjeta' konvenuta u peress li huma kienu tterminaw il-polza unilateralment meta din ghalqet fl-1999 ma kien hemm ebda *record* sabiex huma javzaw lilu jew lill-konvenut Pace ghas-snin ta' wara u allura ghall-perjodu meta sehh l-incident.

Illi meta xehed *viva voce* l-istess attur qal li jaf li meta jaghlaq iz-zmien ta' l-*insurance* din trid tiggedded (a fol.103 tal-process) u li jekk ma thallashiex din ma tibqax tkoprik (a fol.104 tal-process). Huwa baqa' jsostni li kien ilu xhur ighid lil Adrian Pace meta kienet se tasallu l-karta biex igedded l-assikurazzjoni u huwa kien ighidlu li kellu jircievi minghand is-socjeta' assikuratrici.

Illi l-konvenut **Adrian Pace** spjega li fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu bhala *insurance sub-agent* huwa jigbor minghand l-assigurati l-*premium* dovuti ghat-tigdid tal-poloz ta' assigurazzjoni, u dan wara li l-assigurat jircievi r-*renewal notice,* u jghaddi l-pagament minnufih lis-socjeta' assikuratrici jew f'dan lis-socjeta' konvenuta Laferla Insurance Agency Limited li huwa kien sub agent taghha f'dak iz-zmien. Huwa infatti kien l-intermedjarju ghall-konkluzjoni tal-kuntratti ta' assigurazzjoni bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta ovvjament meta l-attur ghamel il-polza originali msemmija.  Huwa rrefera ghal dak li sejjah bhala

prassi li kienet tigi segwita bejnu u bejn Laferla Insurance Agency Limited. Ghar-rigward tas-sena 1998 jirrizulta li l-polza kienet thallset tardivament pero' s-socjeta' konvenuta harget ricevuta datata 14 ta' Ottubru 1998. Fis-sena 1999 huwa ma rceviex minghand is-socjeta' konvenuta bhala *statements* u *outstanding payments* relattivi ghall-polza ta' l-attur. Dan jinghad fl-isfond li huwa allega li Laferla Insurance Agency Limited kienu jghidulu liema mill-poloz konkluzi minnu bhala *sub-agent* ikunu waslu ghat-tigdid ghalkemm l-ebda dokument f'dan il-kuntest ma gie esebit. Wara l-incident li sehh f'Jannar 2000 impjegata tas-socjeta' konvenuta nfurmatu li skond ir-*records* taghhom il-polza ta' l-attur kienet skadiet fl-1998. Il-konvenut ivverifika r-*records* li kellu u sab ir-ricevuta li kienet giet rilaxxata fuq l-ahhar pagament li sar u wrieha lil Laferla Insurance Agency Limited. Ricevuta li kienet datata 14 ta' Ottubru 1998 u ma kienitx lanqas tkopri l-perjodu ta' Jannar 2000.

Illi **Robert Baldacchino,** *General Manager* tas-socjeta' konvenuta Laferla Insurance Agency Limited, ikkonferma li ghall-perjodu tat-tnax-il xahar li beda mill-25 ta' Settembru 1999 sal-24 ta' Settembru 2000 is-socjeta' konvenuta qatt ma rceviet l-ebda pagament ta' *premiums* li jkopru z-zmien indikat u lanqas struzzjonijiet biex tigi effettwata l-kopertura tal-assigurazzjoni ghall-perjodu mertu ta' l-azzjoni attrici.

Illi in kontro-ezami rrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet harget l-ircevuta datata 14 ta' Ottubru 1998 a fol. 39 tal-process. Din kienet ircevuta tal-pagament ghall-polza li thallset tard izda ma kellhiex x'taqsam lanqas mal-perjodu mertu tal-kawza odjerna u lanqas ghad-data ta' l-incident imsemmi.

**(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi wara li ezaminat bir-reqqa kollha l-provi prodotti din il-Qorti thoss li kull ma gie ppruvat kien biss li l-attur kien ghamel polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta' konvenuta li tirrisali ghall-25 ta' Settembru 1996 u li kienet tkopri l-perjodu bejn l-istess data tal-25 ta' Settembru 1996 sad-

data tal-24 ta' Settembru 1997. Din il-polza kienet giet konkluza tramite *s-sub-agent,* il-konvenut Adrian Pace. Irrizulta wkoll li fis-7 ta' Ottubru 1998 l-attur ircieva ittra minghand is-socjeta' konvenuta fejn gie infurmat li l-polza li kienet ghalqet fil-25 ta' Settembru 1998 u jekk ma kenitx se tithallas fit-terminu hemm indkat din kienet se tigi mitmuma.

Illi hawn l-attur jallega li kien hallas tardivament u dan billi ghadda l-flus lill-konvenut Adrian Pace stess u dwar dan jinghad li hemm ricevuta rilaxxata minn Laferla Insurance Agency Limited datata 14 ta' Ottubru 1998 li tirreferi ukoll ghall-pozla numru FSP006497 mahruga minn Laferla Insurance Agency Limited ( a fol.39 tal-process), pero' din l-ircevuta harget f'isem il-konvenut Adrian Pace biss u apparti minn dan setghet *se mai* tirreferi biss ghall-perjodu bejn il-25 ta' Settembru 1998 sal-24 ta' Settembru 1999. Ma huwiex car mill-provi kif sar il-hlas mill-attur lill-konvenut Adrian Pace anke peress li skond Dok. “C” hemm *cheque* direttament favur is-socjeta' Laferla Insurance Agency Limited mahrug mill-attur stess u dan apparti li d-data fuq l-istess *cheque* ma hijiex dik ta' Ottubru 1998 izda jidher li hija data f'Dicembru 1998. Mhux hekk biss izda l-ammont tac-cekk huwa ta' Lm340 favur is-socjeta' msemmija mentri l-iricevuta favur il-konvenut Adrian Pace hija ta' Lm480.70 u tirreferi ghal diversi cekks u numri ta' poloz; ma hemm ebda spjegazzjoni ta' kif jinqassmu tali ammonti, li pero' certament ma jirreferux ghall-perjodu mertu tal-kawza odjerna; mhux car lanqas ghaliex l-iricevuta ma hargitx lanqas jekk ghall-perjodu iehor fuq l-istess attur, ladarba c-*cheque* gie maghmul favur is-socjeta' konvenuta.

Illi ma hemm l-ebda dubju li f'Jannar 2000 sehh incident fuq is-sit mertu tal-kawza odjerna kif jirrizulta mill-okkorrenza tal-istess (a fol.59 tal-process) u kif fuq indikat. Dwar dan l-incident innifsu fil-fatt ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni.

Illi l-kwistjoni inqalghet meta l-attur mar biex jaghmel il-*claim* ma' l-assikurazzjoni wara li sehh l-incident. Effettivament Adrian Pace, is-sub-agent, spjega li meta

mar jinforma lill-assikurazzjoni dwar l-incident gie infurmat li l-polza kienet giet mitmuma sa minn Settembru 1998. Ghalkemm il-hlas sar tardiv jirrizulta li Laferla Insurance Agency Limited kienet harget ricevuta (a fol.39 tal-process) ghall-perjodu iehor li ma ghandux x'jaqsam mal-perjodu relattiv tac-citazzjoni attrici. Meta xehed Robert Baldacchino, *general manager* tas-socjeta' konvenuta, huwa xehed li l-hlas li sar kien mar ghal diversi poloz. Minn Dok. "B" a fol. 6 tal-process jirrizulta li Laferla Insurance Agency Limited kitbet fir-rigward ta' zewg poloz – Pol. No FSP006497 (mertu tal-kawza odjerna) u polza ohra. Minn ezami ta' dokument a fol 39 jidher li l-ircevuta rilaxxata mill-assikurazzjoni ssemmi l-polza Numru FSP006497, fost poloz ohra, hija wkoll imsemmija.

Illi ma hemm l-ebda dubju li minn dan kollu hemm disgwid ovvju bejn il-partijiet u l-mod kif saru l-affarijiet u dan relattiv pero' ghaz-zmien li ma kienx ikopri id-data ta' l-incident tal-15 ta' Jannar 2000, izda dejjem b'riferenza ghall-perjodu qabel dan. Anke jekk dan huwa l-kaz pero' jekk sar il-hlas tal-polza indikata din  kienet tkopri biss il-perjodu bejn il-25 ta' Settembru 1998 sal-24 ta' Settembru 1999 u kwindi xorta wahda din ma kienitx tkopri l-perjodu meta sehh l-incident u cjoe' dak ta' 15 ta' Jannar 2000.

Illi l-konvenut Adrian Pace xehed li fil-lista li s-soltu jircievi minghand l-assikurazzjoni biex ikun jaf liema poloz waslu ghat-tigdid huwa ma kellux imsemmi lill-attur fl-1999, pero' f'dan ir-rigward, anke jekk inhu relevanti l-ebda dokument ma gie esebit mill-ebda parti.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance plc"** (A. C. (VDG) (AD) (AJM) deciza fl-14 ta' Mejju 2004 - Nru : Citaz. Num1180/00) fejn gie ritenut :-

*"Polza ta' assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' premium mill-assikurat lis-socjeta' assikuratrici, dik l-istess socjeta' tintrabat li tindenizza lill-assikurat taghha fl-eventwalita' li dan isofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan*

*it-tip ta’ kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh s-socjeta’ assikuratrici. F’dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b’titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta’ bejniethom billi bil-hlas ta’ premium da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta’ indennizz da parti tas-socjeta’ assikuratrici. In kwantu polza ta’ assikurazzjoni hija kuntratt jehtieg li jigu sodisfatti r-rekwiziti generali tal-kuntratti u cioe’ li l-kontraenti jkunu kapaci jikkuntrattaw u li jaghtu l-kunsens taghhom. Inoltre’ l-oggetti tal-kuntratt jrid ikun determinat u lecitu.”*

Illi f’ **“Modern Insurance Law”,** (***John Birds***, 4th ed, p.156) hemm spjegat li:-

*“(The premium is the consideration given by the insured in return for the insurer’s undertaking to cover the risks insured against in the policy of insurance (Lewis v. Norwich Union Fire Insurance Co”. [1916] A.C. 509 at 519).”*

Illi inoltre’ fis-sentenza **“Attard Brothers vs Middlesea Insurance p.l.c.”** (P.A. (GCD) – l-1 ta’ Gunju 2004 - Cit. Nru: 1596/99/GCD ) fil-Qorti sostniet:-

*“Il-kwistjoni, kif rajna, hija jekk kienx hemm tigdid awtomatiku tal-polza ukoll qabel ma jsir hlas tal-premium. Il-qorti tifhem illi hija kontra l-prattika tajba tan-negozju ta’ l-assikurazzjoni illi l-hlas tal-premium isir tard, ukoll wara li l-assikuratur ikun ha fuqu r-riskju, u l-flus tal-premium ikompli jgawdihom l-assikurat flok l-assikuratur. Madankollu, tifhem ukoll illi jekk bejn il-partijiet u bil-kunsens tat-tnejn tinholoq prassi illi tippermetti l-hlasijiet tard, ikun obbligu ta’ bona fides ta’ l-assikuratur illi ma jichadx, minghajr avviz preventiv, it-tigdid tal-polza meta r-riskju li kontrih jaghti assikurazzjoni jkun sehh, meta jkun ippermetta t-tigdid ex tunc fil-kazijiet li r-riskju ma jkunx sehh.”*

Illi ghalkemm din il-Qorti thoss li dak li inghad mhux dejjem japplika b’mod assolut izda wiehed irid jara c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jigi rilevat li f’din l-istess sentenza citata dik il-Qorti hasset li ghandha tiddeciedi li

ma kienx hemm kopertura tar-riskju hemm indikat b'polza ta' assikurazzjoni u dan proprju ghaliex is-socjeta' attrici f'dak il-kaz ma kienitx hallset il-*premium* tant li l-istess Qorti qalet li *"ikun ghal kollox kontra kull principju ta' prattika tajba u ta' bona fides illi s-socjeta' attrici tithalla tqis lilha nfisha bla kopertura, u ghalhekk bla obbligu ta' hlas tal-premium, meta tkun taf ex post li ma jkun sehh ebda riskju, u tipprettendi kopertura ex post ghalkemm ma tkunx halset il-premium, meta ir-riskju jkun sehh".*

Illi dan huwa hafna iktar car fil-kaz in ezami meta ma hemmx dubju li fil-kaz in kwistjoni meta sehh l-incident f'Jannar 2000 l-attur ma kienx hallas il-*premium* sabiex il-polza ta' l-assikurazzjoni tiggedded u ghalhekk zgur ma jistax jistenna li kien kopert. Huwa kien jaf li ma hallas ebda *premium* u kien jaf ukoll li l-perjodu li qed jallega li hallas ghalih kien skada u ma kellu l-ebda dokument li juru li l-istess polza setghet tigi mgedda minghajr il-hlas tal-*premium*; fi kwalunkwe kaz huwa l-obbligu ta' l-assikurat li jiehu hsieb li jhallas il-*premium* dovut u dan tempstivament u huwa inutili li din ir-responsabbilta' esklussiva tieghu u fl-interess tieghu jipprova jitfaha fuq is-socjeta' assikuratrici u dan anke ghaliex huwa primarjament fl-interess tieghu li jara li jipproteggi l-interess tieghu u ghalhekk li jassigurra ruhhu li jew ma jhallix l-istess polza tiskadi jew li jgedded l-istess polza billi tempestivament jhallas il-*premium* dovut, haga li jirrizulta li l-attur bl-ebda mod ma' ghamel almenu ghall-perjodu relattiv u determinanti ta' l-incident mertu tal-kawza odjerna.

Illi fil-fatt fil-ktieb imsemmi aktar 'il fuq ta' l-awtur ***John Birds*** ikkummenta hekk:-

*"…, there is no right to renew an insurance contract in the absence of a term of the contract to that effect. Nor is an insurer under any general obligation to send out a renewal notice, or any form of warning that a policy is about to expire, though this is common practice. Neither does an insurer need any reason for not renewing. As we have seen, the renewal of a non-life policy constitutes the effecting of an entirely new contract."*

Illi dan japplika anke ghat-tip ta' assikurazzjoni mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk huwa sa certu punt korrett dak li sostna fl-affidavit tieghu Robert Baldacchino, l-*general manager* tas-socjeta' konvenuta (a fol.117 tal-process) li ghalkemm jinhargu *renewal notices* regolarment, il-polza hija kuntratt ta' sena u l-ebda parti ma hija obbligata iggeddidha jew tistieden it-tigdid taghha. Fuq kollox l-istess xhud jghid kategorikament:-

*"Illi ghal perjodu tat-tnax-il xahar li beda mill-25 ta' Novembru 1999 sal-24 ta' Settembru 2000, is-socjeta' Laferla qatt ma rceviet la pagament ta' premiums li jkopri z-zmien ta' kopertura indikat f'dan il-paragrafu u lanqas struzzjonijiet biex tigi effettwata il-kopertura tal-assigurazzjoni li kienet tkopri il-proprjeta' tas-Sur Muscat li inharqet fil-15 ta' Jannar 2000".*

Infatti ssir referenza ghas-sentenza **"Joseph Mamo vs Joseph Grech et noe et"** (P.A. (TM) deciza fit-3 ta' Ottubru 2002 - Cit. Nru: 108/93/TM) fejn intqal:-

*"Din il-Qorti tosserva wkoll illi skond il-gurisprudenza lokali, l-agent jitqies bhala l-mandatarju tal-assikurat u mhux tal-kumpanija assikuratrici (ara <u>"Zammit vs Micallef",</u> deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Jannar, 1952 [Kollez Vol XXXVI.III.610] u <u>"Vassallo vs Azzopardi",</u> deciza minn din il-Qorti fil-21 t'April,1999). Kwindi, jekk naqas l-agent jew jekk dan wera xi negligenza f'xogholu, l-konsegwenzi jrid ibatihom l-assikurat – salv kull rimedju li dan jista' jkollu kontra l-mandatarju tieghu taht il-Ligi."*

Illi fuq l-istess linja mxiet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet **"Angelo Spiteri vs Citadel Insurance p.l.c."** (A.I.C. (PS) deciza fit-28 ta' April 2004 - Nru : 715/02/PS) meta qalet:-

*"Huwa pacifikatament akkolt kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza illi "in all matters relating to the placing of insurance of whatever kind, the insurance broker is the agent of the assured and of the assured alone. If as a matter of convenience he (the insurance agent) fills the*

*proposal form he is acting as agent for the proposer” -* ***Charlesworth*** *(“Mercantile Law”, 1984, p913 et seq;* ***“Lawrence Azzopardi et vs Joseph Muscat”,*** *Appell, 7 ta’ Ottubru 1997)”.*

*“Fuq l-istregwa tal-kazistika Ingliza dan il-punt gie elaborat ukoll fis-sentenzi riportati a* ***Vol XXXVI p111 p610*** *u* ***Vol L p.111 p.590.****”*

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjetajiet konvenuti ghandhom jigu michuda *stante* li jirrizulta li ma’ kien hemm ebda kuntratt ta’ assigurazzjoni bejn l-attur u l-istess socjetajiet konvenuti u dan ghall-perjodu meta sehh l-incident *de quo* u ghalhekk ma’ kien hemm ebda polza ta’ assigurazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront ta’ l-istess ghandhom jigu michuda. Jinghad ukoll li f’dan il-kaz din il-Qorti thoss li l-attur bl-ebda mod ma pprova l-allegazzjonijiet minnu vantati, u dan meta l-oneru ta’ prova kien fuqu; anzi l-provi prodotti jippruvaw il-kuntrarju ta’ dak allegat mill-attur.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-konvenut Adrian Pace ma jidhirx car mill-provi x’rwol kellu ma’ l-attur, izda anke jekk l-attur tah xi inkarigu specifiku dan ma ghandu x’jaqsam xejn mal-kawza odjerna ghaliex bl-ebda mod ma tista’ tohloq kuntratt ta’ assikurazzjoni bejn l-attur u s-socjetajiet konvenuti jew s-socjetajiet jew entitajiet assikuratrici u dan iktar u iktar meta c-citazzjoni attrici hija kollha kemm hija ibbazata fuq polza ta’ assikurazzjoni, polza ta’ assigurazzjoni li fil-verita’ qatt ma ezistiet ghall-perjodu relattiv li jkopri d-data ta’ l-incident mertu tal-kawza odjerna. Dan apparti dak li jinghad dwar ir-rwol ta’ agent anke kif indikat fis-sentenza **“Raymond Borg vs Fogg Ltd ghan-nom u in rappresentanza ta’ Avon Insurance plc”** (P.A. (RCP) – 30 ta’ Ottubru 2003 – Citaz. Numru 286/1996). Dan apparti li ma hemm l-ebda prova li ghall-perjodu indikat l-attur hallas xi ammonti lill-konvenut Adrian Pace. Ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Adrian Pace ghandhom jigu wkoll u qed jigu fil-fatt michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti datati 29 ta' Settembru 2000 u l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Adrian Pace tal-20 ta' Settembru 2000 in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti kollha *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fuq decizi.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza a karigu ta' l-attur.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------